MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Numru 2/2002

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Terence William Zammit

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 2 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Terence William Zammit, li bih huwa gie akkuzat talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi Terence William Zammit kien direttur tal-kumpanija Zammit Mckeon Enterprises kif ukoll azzjonista (shareholder) fis-socjetajiet IAS Limited u Heiti Investments. Minkejja li kien guvni kien ilu ikun kostrett jissellef ammonti kbar ta' flus mill-idejn sabiex jipprova itejjeb il-qaghda finanzjarja u kummercjali tieghu. Ghal dan is-self ta' ammonti kbar ta' flus, Terence Zammit kien addirittura**

**accetta li jhallas rata gholja ta' imghax, rata ferm gholja minn dik permessa bil-ligi.**
**Mario Farrugia kien bniedem li min-naha tieghu kien imdorri jislef ammonti kbar ta' flus mill-idejn b'rata ferm gholja ta' imghax, lil diversi persuni, fosthom lil Terence William Zammit. Sax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn, Farrugia kien kreditur ta' Zammit f'ammont li kien lehaq cirka ghaxar telef Lira Maltin, apparti l-imghaxijiet relativi.**
**Jidher li allura s-sitwazzjoni ta' Zammit kienet qeghda tinbidel minn hazin ghall-aghar. Id-dejn tieghu ma' Farrugia, li kien qieghed jakkumulalu maz-zmien, kien qieghed idejjqu w jinkwetah u rieh jara kif isib soluzzjoni ghalih. Fl-istess waqt, anke peress li kien hemm diversi okkazjonijiet fejn huwa mar gewwa r-residenza ta' Farrugia, Zammit kien jaf li Farrugia kellu habta izomm kwantitajiet kbar ta' flus likwidi. Zammit kien beda jibda jaqa' ghat-tentazzjoni li jaghmel xi haga sabiex dawk il-flus jew parti minnhom b''i mod isiru bhallikieku tieghu.**

**Li huwa zgur hu li sad-dsatax t'Ottubru, tas-sena 2000, Zammit kien qieghed iberren f'mohhu li jara kif jaghmel u jahsad lil Farrugia billi iwettaq attentat fuq hajtu. Apertament, ma kien hemm ebda kwestjonijiet jew argumenti bejniethom, tant li pjuttost it-tnejn li huma kienu midhla ta' xulxin u kienu jgawdu relazzjonijiet tajba.**

**B'danakollu, nhar id-19 t'Ottubru, 2000, Terenec Zammit gietu f'rasu li jaghmel uzu minn pistola li kienet ilha fil-pussess tieghu mhux skond il-ligi. L-idea li allura gietu kienet li bl-iskuza tal-pistola imur ghand Farrugia attaparsi sabiex dana jghinu jsib lil xi hadd interessat jixtri l-istess pistola. Naturalment, l-ghan veru ta' Zammit kien xort'ohra, u cioe' li jwettaq l-attentat fuq il-hajja ta' Farrugia, probabilment jew biex minghalih isib soluzzjoni ghad-dejn kbir li huwa kellu, jew addirittura biex imitt idejh fuq dawk il-flus likwidi li Farrugia kellu d-dar tieghu.**

**F'xi hin filghodu tal-imsemmi jum, Zammit ivventa skuza sabiex icempel lil Farrugia minn fuq it-telefon cellulari tieghu w b'hekk jiggustifika zjara li Zammit ried jaghmel gewwa r-residenza ta' Farrugia. Ghalkemm Farrugia kien kostrett bil-hin ghaliex kellu impenji ohra barra, xorta wahda accetta li jakkomoda lil Zammit. Xi l-ghaxra w nofs ta' filghodu ta' dakinhar, Zammit wasal quddiem ir-residenza ta' Farrugia gewwa "Redentur", Triq Qrejten, Hamrun, liebes nuccali skur tax-xemx, munit b'par ingwanti w kawt ghall-ahhar. Kif sema' lil Farrugia ser jiftah il-bieb tal-garaxx tieghu, Zammit lesta l-pistola f"dejh u ippuntaha lejn id-direzzjoni ta"Farrugia. kIf appena Farrugia fetah il-bieb, sab ma' wiccu, boghod biss xi metru minnu, lil Zammit jippunta l-pistola lejn wiccu. Minnufih, bil-hsieb li joqtlu, Terence Zammit spara tir li laqat lil Farrugia f'halqu w fid-dintorni tieghu. Mahsud u miguh kif kien, Mario Farrugia, filwaqt li beda jinsisti ma' Terence Zammit ghalfejn kien qieghed jaghmillu hekk, u dana iwiegbu sabiex ma jitkellimx, ra kif jaghmel sabiex ma ihallix lil Zammit jerga jisparalu. Fil-fatt, Terence Zammit kien qieghed ilesti sabiex jerga' jispara lil Mario Farrugia, izda dan ta' l-ahhar mar fuqu mill-ewwel u beda jissielet mieghu ghall-pistola filwaqt li wkoll beda jghajjat ghall-ghajjut lil martu li allura kienet gewwa. Fid-daghdija, lehqet harget mart Mario Farrugia kif ukoll gew in-nies li kienu insertaw ghaddejjin minn hemm dak il-hin. Komfrontat b'dik is-sitwazzjoni, Terence Zammit iddecieda li jahrab minn fuq il-post bl-ghan tieghu mhux kompletament ezegwit.**

**Eventualment, Mario Farrugia ittiehed l-Isptar fejn instab li kien fil-periklu tal-mewt, pero' fortunatament, hajtu giet salvata b'interventi kirurgici, ghalkemm irrizulta li kien ser jibqa"jbati minn sfregju gravi w permanenti fil-wicc.**

**B'dawn l-atti maghmula minnu, akkumpanjati bil-hsieb u intenzjoni specifika, Terence Zammit irrenda ruhu hati ta' attentat ta' qtil fuq il-persuna ta' Mario Farrugia.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Terence William Zammit hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**
**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn sitt snin sa' ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211, 23, 31, 467(4), 20 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap, illi xi xahar u nofs qabel id-19 t'Ottubru, 2000, Terence William Zammit kien gie fil-pussess ta' pistola flimkien ma' xi munizzjon relativ. Huwa meta investigat mill-Pulizija, sostna w allega li kien accidentalment sab l-istess pistola w munizzjon abbandunati f'xi ghalqa vicin ir-residenza tieghu ix-Xemxija. Hi x'inhi, jibqa' l-fatt li huwa gie fil-pussess tal-istess arma w munizzjon, li sussegwentement uzahom fid-delitt minnu kommess kif inghad fil-kap ta' qabel dan, u baqa' hekk fil-pussess taghhom bi ksur tal-ligi w cioe' minghajr ma kellu l-licenzja mehtiega da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija.**
**B'hekk ukoll, Terence William Zammit irrenda ruhu hati tar-reat konsistenti fiz-zamma w garr ta' arma w munizzjon minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Terence William Zammit hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn xahrejn sa sentejn, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3(1A), 19, 26 u 27 tal-ordinanza Dwar l-Armi, Kapitolu 66, u fl-artikoli 17(b), 23, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat il-verdett tal-gurati moghti fis-seduta tal-lum 3 ta' Gunju 2004, li bih unanimament sabu lill-akkuzat Terence William Zammit mhux hati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza izda hati li b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Farrugia u li bih unanimament sabu lill-akkuzat Terence William Zammit hati ta' l-akkuza taht it-Tieni Kap. ta' l-Att ta' l-Akkuza.**

**Tiddikjara lill-akkuzat Terence William Zammit mhux hati ta' tentattiv t'omicidju volontarju skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza izda hati tar-reat talli fil-Hamrun fid-19 t'Ottubru, 2000 filghodu, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Farrugia kif ukoll hati talli f'xi granet qabel id-19 t'Ottubru 2000 u f'dik id-data, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, f'diversi postijiet u fil-Hamrun kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar (pistola bis-silencer u munizzjon) barra minn fond jew post li jaghmel mieghu ;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;**

**Qieset ukoll favur il-hati dak li s-sottometta l-abbli difensur tieghu u cioe' li l-kondotta ta' l-akkuzat ma kienitx wahda refrettarja u kien instab hati biss ta' xi vjolazzjonijiet tal-ligi tat-traffiku; li kien diga' ghamel**

**perjodu taht arrest preventiv, li hu ta' eta' tenera, li kemm ilu bil-liberta' provizorja, qatt ma rega' kiser difrejh mal-ligi, li diga' saritlu hafna hsara ghan-negozju tieghu bil-pubblicita' li nghata l-kaz u li hu kien dejjem lest li jammetti reat ta' natura involontarja kif fil-fatt sabuh unanimament hati l-gurati kif ukoll li f'dan il-kaz il-hati ma kienx xi delinkwent u s-socjeta' ma kienitx qed tiffaccja xi periklu minnu.**

**Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur u senjatament dik li l-ligi fl-Ordinanza dwar l-Armi (Kapitolu 66) ma kienitx timpedixxi lill-Qorti milli tapplika d-dispozizjonijiet tal-Artikolu 28(A) tas-sentenza sospiza.**

**Ikkonsidrat,**

**Illi kif irrizulta mill-verdett tal-gurati dan kien incident sfortunat u wiehed involontarju tant li anki l-istess vittma tar-reat Mario Farrugia, bil-mod li xhed, juri li ma kellu ebda rizentiment lejn il-hati minkejja dan l-incident anzi kien ghadu jqisu bhala habib tieghu.**

**Mill-banda l-ohra pero' l-Qorti ma tistax tinjora l-imprudenza kbira li wera l-hati meta hareg arma bis-silcencer meta kien hekk vicin Mario Farrugia b'mod li hasdu u dan wassal ghall-incident li seta' kien anki fatali u dana b'arma u munizzjoni li suppost qatt ma kien qed igorr il-hati.**

**Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 225, 226(c), 17(b), 23, 28A, 31, 467(4) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 3(1A), 19, 26 u 27 tal-Ordinanza Dwar l-Armi, Kapitolu 66;**

**Tikkundanna lill-hati Terence William Zammit ghall-piena ta' sena prigunerija, b'dana li din is-sentenza m'ghandix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin mil-lum l-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Tikkundanna inoltre lill-hati Terence William Zammit li jhallas l-ispejjez tal-perizji fl-ammont ta' hames mija w hamsa w ghoxrin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM 525.52,0 ) import tal-ispejjez kollha peritali in konnessjoni mar-reat.**

**Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-arma, silencer u munizzjon esebit favur il-Gvern ta' Malta.**

**Il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------